AWTORITÀ GĦAS-SAĦĦA U S-SIGURTÀ FUQ IL-POST TAX-XOGĦOL
OCCUPATIONAL HEALTH & SAFETY AUTHORITY

**4 ta' Marzu 2011.**

L-Awtorita għas-Saħħa u s-Sigurta fuq il-Post tax-Xogħol tirreferi għall-kumment li deher fuq il-verżjoni elettronika ta' *The Times of Malta* llum fir-rigward ta' ħajt li sfronda bir-riħ ġol-ħanut *Affinities Beauty Salon* f'Bisazza Street tas-Sliema.

Skont dan is-sit elettroniku, is-sid tal-ħanut ġiet irrapurtata li qalet li kienet ilha tilmenta mal-Awtorita għas-Saħħa u s-Sigurta fuq il-Post tax-Xogħol minħabba l-ġarr kontinwu ta' *bricks* u siment fuq il-ħanut tagħha.

L-Awtorita tixtieq tiċċara li m'hemm l-ebda liġi jew regolament maħruġa taħt l-Att għall-Awtorita għas-Saħħa u s-Sigurta fuq ix-Xogħol li ma jippermittix li jsir ġarr ta' materjal fuq propjeta' ta' terzi, basta dan il-ġarr ta' materjal isir b'mod sigur u mingħajr riskji mhux aċċettabbli għal min ikun hemm taħtu. L-Awtorita assigurat li hekk kien il-każ wara li rċiviet ilmenti, u ħadet azzjoni biex jitwaqqaf il-ġarr sakemm dan isir kif suppost; l-Uffiċċjali tal-Awtorita żaru l-post imsemmi ta' l-inqas tlett darbiet biex jiżguraw irwieħom li l-ġarr baqa' jsir b'mod sigur. Fil-fatt, il-kawża tal-waqa' tal-ħajt m'għandu x'jaqsam xejn ma' ġarr ta' materjal.

Hija responsabbilta tal-perit u tal-kuntrattur biex ikun assigurat li l-bini jkun qiegħed jinbena skont in-normi tas-sengħa.